## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 3 ta' Mejju 2024

# Il-President Spiteri Debono żżur il-maltabiennale.art

*Iġġedded il-patroċinju tal-President*

L-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta, żaret il-maltabiennale.art f'Villa Portelli fil-Kalkara, fejn hemm numru ta' padiljuni nazzjonali. Hija kellha l-opportunità tiltaqa' ma' uffiċjali minn ambaxxati, artisti, u kuraturi li tellgħu l-padiljuni tagħhom f'Villa Portelli. B'din iż-żjara, il-President Spiteri Debono ġeddet il-patroċinju tal-President ta' Malta għal dal-proġett nazzjonali li fl-ewwel edizzjoni tiegħu diġà poġġa lil Malta fil-kalendarju kulturali dinji.

Flimkien ma' Villa Portelli, il-President ta' Malta żaret ukoll l-uffiċċji ċentrali ta' Heritage Malta fil-Kalkara ftit passi 'l bogħod minn Villa Portelli. Hemmhekk, l-Eċċellenza Tagħha Spiteri Debono ntlaqgħet miċ-Chairman tal-aġenzija u President tal-maltabiennale.art 2024 Mario Cutajar, kif ukoll mill-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta Noel Zammit u membri tal-management. Il-President iltaqgħet mal-ħaddiema tal-aġenzija, li dawruha mal-laboratorji dijanjostiċi u anki l-laboratorji tar-restawr fejn bħalissa għaddejjin diversi proġetti ta' konservazzjoni fuq diversi oġġetti ta' patrimonju nazzjonali.

Il-President Spiteri Debono ħadet l-opportunità titkellem mal-ħaddiema ta' Heritage Malta u, filwaqt li rringrazzjathom għall-ħidma tagħhom biex taw lill-pajjiż il-maltabiennale.art, faħħret is-sehem qawwi li l-ħaddiema qed jagħtu b'dedikazzjoni biex ikun imħares il-patrimonju tal-poplu Malti. Hija sostniet li fl-għoxrin sena li ilha mwaqqfa Heritage Malta rajna bidla qawwija fil-mod kif inħarsu lejn il-patrimonju tagħna u l-livell ta' apprezzament żdied ħafna. Il-President semmiet kif il-biennale, li għaqqad l-interpretazzjoni tal-istorja mal-arti kontemporanja fis-siti ta' Heritage Malta jixhed l-impenn tal-aġenzija li tfassal viżjoni ġdida għaliha biex twassal lill-poplu jagħraf aħjar lilu nnifsu u jkompli jibni l-identità tiegħu.

F'Villa Portelli, iltaqgħet ma' rappreżentanti tal-padiljuni nazzjonali tal-Ukrajna, l-Italja, Spanja, u l-Polonja, li fissru lill-President il-kunċetti li qed jiġu diskussi fil-padiljuni rispettivi tagħhom u dwar ir-rispons inkoraġġanti mill-viżitaturi u l-interazzjoni tagħhom max-xogħlijiet esebiti. Villa Portelli hija binja li għadha kemm

ġiet akkwistata riċentament minn Heritage Malta. Huwa ppjanat li fiha jkun hemm ċentru ta' riċerka u taħriġ dwar il-patrimonju Malti, fost affarijiet oħra.

Il-maltabiennale.art qed isir ukoll taħt il-patroċinju tal-UNESCO. Il-biennale fetaħ il-bibien tiegħu f'nofs Marzu u se jibqa' miftuħ sa tmiem dax-xahar. Il-biennale qed jittella' minn Heritage Malta bil-kooperazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' bosta entitajiet kulturali u turistiċi Maltin u barranin. Wieħed jista' jara l-wirjiet ta' arti kontemporanja fis-siti ta' Heritage Malta fil-Belt Valletta, il-Kottonera, u Għawdex. Iktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku www.maltabiennale.art.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 3rd May 2024

## President Spiteri Debono visits the maltabiennale.art

*The President renews her patronage*

Her Excellency Myriam Spiteri Debono, the President of Malta, made a visit to maltabiennale.art at Villa Portelli in Kalkara, where numerous national pavilions are housed. During her visit, she engaged with embassy officials, artists, and curators responsible for the pavilions. President Spiteri Debono reaffirmed the Maltese Presidency's support for this significant national endeavour, which has already elevated Malta's presence on the global cultural stage.

In addition to Villa Portelli, the President also toured the central offices of Heritage Malta in Kalkara, situated nearby. There, she was warmly received by Mario Cutajar, Chairman of Heritage Malta and President of maltabiennale.art 2024, as well as by Noel Zammit, Chief Executive Officer of Heritage Malta, and other members of the management team. She was given a tour of the diagnostic and restoration labs, where ongoing work to preserve national heritage artefacts was showcased.

President Spiteri Debono took the opportunity to engage with the dedicated workers of Heritage Malta, expressing gratitude for their contributions to maltabiennale.art and commending their commitment to safeguarding Maltese heritage. She noted the significant transformation in the nation's appreciation for its heritage over the past two decades since the establishment of Heritage Malta, citing the biennale as evidence of the agency's forward-looking approach in fostering a deeper cultural understanding and identity among the people.

During her time at Villa Portelli, the President interacted with representatives from national pavilions, including those of Ukraine, Italy, Spain, and Poland. Discussions centred on the concepts explored within their pavilions and the positive reception from visitors engaging with the exhibited works. Villa Portelli, recently acquired from Heritage Malta, is poised to become a hub for research and training in Maltese heritage, among other initiatives.

Under the patronage of UNESCO, maltabiennale.art commenced in mid-March and will run until the end of the month. Organised by Heritage Malta in collaboration with various local and international cultural and tourism entities,

the biennale showcases contemporary art exhibitions at Heritage Malta sites across Valletta, Cottonera, and Gozo. For further details, visit our website www.maltabiennale.art.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*